



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5107/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0004(NLE)

PECHE 7
UD 3

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Jannar 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 5 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 5 final.

Mehmuż: COM(2020) 5 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.1.2020
COM(2020) 5 final

2020/0004 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977, li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020, ġie adottat fl-14 ta' Diċembru 2018.

Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura li l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni tkun kompetittiva u li jevita li titqiegħed f'periklu l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni billi jiżgura li l-industrija jkollha provvista adegwata ta' prodotti tas-sajd. Għal dan il-għan, ir-Regolament inaqqas jew jissospendi d-dazji tal-importazzjoni għal għadd ta' prodotti tas-sajd fil-kuntest ta' kwoti tariffarji ta' volum xieraq. Huwa jiddefinixxi wkoll liema ħidmiet tal-ipproċessar (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-ħidmiet li jikkwalifikaw") jippermettu l-użu tal-kwoti tariffarji u liema le.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Wara li ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977, xi proċessuri tal-UE u Stat Membru għarrfu lill-Kummissjoni li, minħabba li l-kodiċi tan-NM 1604 32 00 (Sostituti tal-kavjar) kien tneħħa mill-kwota tariffarja awtonoma 09.2750 li kienet ġiet stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 ta' qabel, il-proċessuri ma kienx għadhom jistgħu jimpurtaw il-bajd iebes tal-ħut li jidħol f'dak il-kodiċi speċifiku tan-NM kif kienu jagħmlu fil-kuntest tal-iskema ta' qabel. Fil-kuntest tar-Regolament attwali dwar il-kwoti tariffarji awtonomi (li jgħodd għall-perjodu mill-2019 sal-2020), il-kodiċi tan-NM 1604 32 00 (Sostituti tal-kavjar) inbidel bil-kodiċi tan-NM 0305 20 00 (Fwied, bajd u sperma ta' ħut, imnixxfin, affumikati, immellħin jew fis-salmura) minħabba li dan jirrifletti aħjar id-deskrizzjoni tal-prodott (Bajd tal-ħut iebes, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-manifattura ta' sostituti tal-kavjar).

Il-fatt li tneħħa l-kodiċi tan-NM 1604 32 00 wassal biex id-dazju fuq dawn il-prodotti żdied minn 0 % għal 20 %, minħabba li dawn ma għadhomx jistgħu jibbenefikaw mill-iskema ta' kwoti tariffarji awtonomi. Dan wassal għal telf sinifikanti minħabba l-ammonti kkonċernati u minħabba li kienu jeżistu kuntratti fit-tul li għadhom jgħoddu. Minħabba li l-kodiċi tan-NM 1604 32 00 kien inżamm fil-proposta tal-Kummissjoni u minħabba li r-Regolament il-ġdid li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019 ġie adottat biss fl-14 ta' Diċembru 2018, il-kumpaniji qed jargumentaw li din il-bidla ma kinetx prevedibbli u ma tathomx biżżejjed ċans biex jadattaw ruħhom għaliha, minħabba li l-kuntratti li għandhom mal-fornituri tagħhom ikopru perjodi twal taż-żmien.

Analiżi ddettaljata kkonfermat li l-bidla fil-kodiċi wasslet għal tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet ikkonċernati (intużaw biss 400 tunnellata mill-1 500 tunnellata tal-kwota tariffarja awtonoma, meta mqabbel ma' 958 tunnellata fl-2018).

Mill-banda l-oħra, l-għan tal-kwoti tariffarji awtonomi huwa li jgħolqu valur miżjud u iktar impjiegi. Minn dan il-lat, it-taħlil, l-ippakkjar mill-ġdid u l-pastorizzazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala "pproċessar" li se jgħolqu valur miżjud sinifikanti. Kien f'dan il-kuntest li l-

kodiċi tan-NM 1604 32 00 (Sostituti tal-kavjar) inbidel bil-kodiċi tan-NM 0305 20 00 (Fwied, bajd u sperma ta' ħut, imnixxfin, affumikati, immellħin jew fis-salmura).

Wagt id-diskussjonijiet li saru fil-kuntest tar-Regolament dwar il-kwoti tariffarji awtonomi għall-perjodu mill-2019 sal-2020 b'rabta mal-bajd iebes tal-ħut, il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali adotta Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NSNM) ġodda għas-subintestatura 0305 20 00 li jiċċaraw l-ambitu ta' dik is-subintestatura billi jipprovdu iktar definizzjonijiet. Skont in-NSNM l-ġodda, il-bajd immellaħ tal-ħut li ma jkunx tajjeb għall-konsum immedjat bħala kavjar jew bħala sostitut tiegħu fl-istat attwali tiegħu mingħajr trattament addizzjonali, iżda li jkun maħsub għall-manifattura tas-sostituti tal-kavjar huwa kklassifikat taħt din is-subintestatura.

Għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi li l-fatt li l-kodiċi tan-NM 1604 32 00 inbidel bil-kodiċi tan-NM 0305 20 00 fir-Regolament il-ġdid dwar il-kwoti tariffarji awtonomi (li jgħodd għall-perjodu mill-2019 sal-2020) huwa konformi mal-għanijiet tal-kwoti tariffarji awtonomi. Madankollu, l-adozzjoni tard tar-Regolament b'kodiċi tan-NM għall-istess kwota tariffarja awtonoma 09.2750 li kien ivarja minn dak imsemmi fil-proposta tal-Kummissjoni u fil-leġislazzjoni ta' qabel, u n-nuqqas ta' fehim ċar min-naħa tal-industrija tad-differenza bejn iż-żewġ kodiċijiet tan-NM (imsaħħaħ mill-fatt li dawn jidħlu fl-istess numru tal-ordni), kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-bajd tal-ħut fl-UE. Jenħtieġ li din il-bidla fil-kodiċi tan-NM ma twaqqafx ħesrem il-flussi kummerċjali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 31 tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jidħlu fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għal dawn id-dispożizzjonijiet.

• Proporzjonalità

L-għażla tal-politika hija proporzjonata minħabba li hija awtorizzata kwantità limitata biss għal kull prodott, filwaqt li jitqiesu r-rata tal-użu, il-fatt li l-kundizzjonijiet ikunu ekwi fost il-produtturi tal-UE u dawk ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, il-valur miżjud, u preferenzi kummerċjali oħrajn.

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li l-unjoni doganali hija politika komuni u għalhekk jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' Regolament adottat mill-Kunsill.

• Għażla tal-istrument

Ma tapplikax.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għandha impatt baġitarju fuq id-dħul.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977¹ jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020. Ġew stabbiliti volumi xierqa għal kull kwota tariffarja sabiex ikun żgurat li l-industrija tal-Unjoni jkollha provvista adegwata għall-perjodu mill-2019 sal-2020.
- (2) Fil-kwota tariffarja awtonoma bin-numru tal-ordni 09.2750 imniżżla fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1977, l-uniċi prodotti li jikkorrispondu mad-deskrizzjoni tal-bajd tal-ħut iebes, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-manifattura ta' sostituti tal-kavjar, huma daww li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 0305 20 00 li għandhom il-kodiċi tat-TARIC 35.
- (3) Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar il-kwota tariffarja kkonċernata previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265², li kien ir-Regolament li kien validu qabel daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2018/1977, kienu differenti, u kienu jirreferu għall-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 1604 32 00 li għandhom il-kodiċi tat-TARIC 20 bħala l-uniċi prodotti koperti mid-deskrizzjoni tal-“bajd tal-ħut iebes, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-ipproċessar ta' sostituti tal-kavjar”.
- (4) Il-bidla fil-kodiċi tan-NM għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.2750 wasslet biex l-industrija sabitha diffiċli tinterpreta d-dispożizzjoni kkonċernata u biex l-industrija ma fehmitx sew id-differenza bejn iż-żewġ kodiċijiet tan-NM (imsaħħaħ mill-fatt li dawn jidħlu fl-istess numru tal-ordni), u dan wassal għal impatt negattiv fuq l-industrija tal-ipproċessar tal-UE.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 tal-11 ta' Diċembru 2018 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2019 – 2020 (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 2).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2016–2018 (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 4).

- (5) Huwa xieraq li jiġu emendati l-prodotti koperti mill-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2750 sabiex dawn ikunu jinkludu wkoll, għal perjodu limitat ta' sena, il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 1604 32 00 li għandhom il-kodiċi tat-TARIC 20 kif ukoll nota ta' qiegħ il-paġna li tkun tirreferi għal dawn il-kodiċijiet tan-NM u tat-TARIC u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1977 jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Il-kwoti li fetaħ ir-Regolament (UE) 2018/1977 fl-ewwel sena japplikaw għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019. Minħabba li jeħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiġu ttrattati bl-istess mod, u filwaqt li jitqies il-fatt li għadha ma ġietx eżawrita l-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2752, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2019 sabiex l-operaturi ekonomiċi li jużaw il-bajd iebes tal-ħut (bħala prodott lest) ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mid-dazju favorevoli għal din il-kwota għal perjodu limitat taż-żmien mingħajr interruzzjoni. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tielet ringiela tal-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 (li tittratta l-kwota bin-numru tal-ordni 09.2750) hija emendata kif ġej:

- (1) l-entrata mogħtija fil-kolonna msejħa “Kodiċi tan-NM” hija sostitwita b’dan li ġej:
“ex 0305 20 00
ex 1604 32 00”;
- (2) l-entrata mogħtija fil-kolonna msejħa “Kodiċi tat-TARIC” hija sostitwita b’dan li ġej:
“35
20”;
- (3) fil-kolonna msejħa “Deskrizzjoni”, tizzied in-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja wara l-kliem “sostituti tal-kavjar”:
“Din il-kwota tariffarja tapplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 għall-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tat-TARIC 1604 32 00 20.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA

Proposta għal emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2019 sal-2020

2. LINJI BAĠITARJI

Il-linja tad-dħul: L-Artikolu 1 2 0 tal-Kapitolu 1 2, li jittratta d-dazji doganali u dazji oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom (*li għalihom iddaħħal ammont ta' EUR 21 471,2 miljun fil-baġit għas-sena finanzjarja tal-2019*)

(fil-każ tad-dħul assenjat biss) Id-dħul se jiġi assenjat għall-kapitolu dwar in-nefqa li ġej:

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat – l-effett huwa kif ġej:

(f'Euro)

Il-linja tad-dħul ³	Fl-2019
L-Artikolu 1 2 0 — Dazji doganali u dazji oħrajn	3.561.518

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Se jitwettqu kontrolli fuq l-użu aħħari ta' xi prodotti koperti minn dan ir-Regolament tal-Kunsill skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

5. RIMARKI OĦRA

- L-impatt ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa t-telf ta' dħul għall-Unjoni Ewropea, minħabba li l-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2750 qed tiġi emendata biex tkun tinkludi wkoll, għal perjodu limitat ta' sena, il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 1604 32 00 li għandhom il-kodiċi tat-TARIC 20 kif ukoll nota ta' qiegħ il-paġna li tirreferi għal dawn il-kodiċijiet tan-NM u tat-TARIC u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.

³ Għar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor, id-dazji doganali), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqas 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

2. L-ammont gross ġie kkalkulat abbażi tal-bilanċ pendent tal-kwota tariffarja awtonoma 09.2750 (li jimplika użu massimu tal-kwota), tal-prezz medju tal-prodott tul dawn l-aħħar sentejn, u tar-rata tad-dazju tan-nazzjon l-aktar iffavorit fuq il-prodott, li hija ta' 20 %, kif ġej:

$1.097.066,78 \text{ (it-tunnellaġġ)} * 20.29 \text{ (il-prezz medju għal kull kilogramm)} * 20 \% \text{ (it-tariffa)}.$

Għalhekk dan jirrappreżenta l-livell massimu ta' telf ta' dħul minħabba li l-Komunità tagħti preferenzi kummerċjali iktar favorevoli lil gruppi differenti ta' pajjiżi terzi (l-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi, l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba u l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles).